

Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin diġà ġew tradotti.

Swipe to change

I-Ingliż

Drittijiet fundamentali

Skozja

Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem

Ombudsperson

Korpi speċjalizzati dwar id-drittijiet tal-bniedem

Oħrajn

Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem

L-istituzzjonijiet li ġejjin ikunu jistgħu jipprovdu parir b'rabta maċ-ċirkostanzi partikolari tiegħek.

1. The Equality and Human Rights Commission (il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet tal-Bniedem)

L-Equality and Human Rights Commission (EHRC) hija l-Korp ta' Ugwaljanza Nazzjonali (National Equality Body, NEB) għall-Iskozja, l-Ingilterra u Wales, u taħdem biex telimina d-diskriminazzjoni u tippromwovi l-ugwaljanza fuq disa' elementi fl-Att ta' Ugwaljanza tal-2010: l-età, id-diżabbiltà, is-sess, ir-razza, ir-reliġjon u t-tweemmin, it-tqala u l-maternità, iż-żwieġ u l-unjoni ċivili, l-orjentazzjoni sesswali u r-riassenjazzjoni tas-sess. Hi Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' "Status A", indipendenti mill-gvern, u taqsam il-mandat tagħha biex tippromwovi u tfares id-drittijiet tal-bniedem fl-Iskozja mas-Scottish Human Rights Commission (il-Kummissjoni Skoċċiża tad-Drittijiet tal-Bniedem).

Bħala Istituzzjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-EHRC:

tippromwovi għarfien, ftehim u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem

tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet pubbliċi biex ikunu konformi mal-Att dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

tipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem għal membri tal-pubbliku, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi

timmonitorja s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gran Brittanja, u tirrapporta s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha lin-NU, lill-gvern u lill-Parlament tagħti parir lill-Gvern u l-Parlament tar-Renju Unit u l-amministrazzjonijiet devoluti Skoċċiżi u ta' Wales dwar l-implikazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem ta' politiki u l-leġiżlazzjoni proposta

tuża s-setgħat legali tagħha biex itejeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem

L-EHRC għandha setgħat legali sabiex, fost affarijiet oħra:

tieġu proċedimenti ta' rieżami ġudizzjarju — tip ta' proċediment tal-qorti li fih mħallef jirrieżamina l-legalità ta' deċiżjoni jew azzjoni magħmula jew meħuda minn korp pubbliku

thedded s'tħarriġ ġudizzjarju qabel tiġi approvata leġiżlazzjoni jekk tqis li proposta ta' liġi se tikser id-drittijiet tal-bniedem ta' grupp

tintervienu f'każijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem meħuda minn oħrajn (magħrufa bħala intervent ta' "terza persuna") - madankollu l-Kummissjoni ma tistax tappoġġa każijiet individwali tad-drittijiet tal-bniedem li ma jqajmju kwistjoni ta' ugwaljanza

tagħmel inkjesti dwar kwalunkwe kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem - jekk il-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjonijiet għal bidliet u titjib fil-politika, prattika u leġiżlazzjoni lil kwalunkwe organizzazzjoni, huma jridu jirrispettaw ir-rakkomandazzjonijiet

isservi avviż ta' konformità jekk jidhrilha li awtorità pubblika li tkunx ikkonformat mad-dmir tagħha tal-ugwaljanza - dan jista' jirrikjedi biex tikkonforma ma' dmir jew tista' tagħti dettalji dwar il-passi li jeħtieġ li jittieħdu biex tiġi żgurata l-konformità

<http://www.equalityhumanrights.com/>

Detalji ta' kuntatt:

Equality an Human Rights Commission - Scotland Office

Telefown: 0141 288 5910

Indirizz elettroniku: scotland@equalityhumanrights.com

Utenti BSL jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fuq bażi ekwa għal smiġ tal-partijiet ikkonċernati. Għal aktar informazzjoni kkuntattja l-Kummissjoni għall-Ugwaljanza u tad-Drittijiet tal-Bniedem f'<http://www.equalityhumanrights.com/>

Equality Advisory Support Service (Is-Servizz ta' Appoġġ Konsultattiv dwar l-Ugwaljanza)

Telefown: 0808 800 0082

Telefown għall-sms: 0808 800 0084

Posta elettronika: eass@mailgb.custhelp.com

Indirizz tal-Posta: Għajnuna fuq it-telefown Freepost FPN6521

Disponibbli wkoll permezz tas-sit web <http://www.equalityadvisoryservice.com/> huma l-interpretazzjoni BSL, webchat u formola ta' kuntatt f'linniet tal-ftuħ:

Mid-9:00 sat-20:00 mit-Tnejn sal-Ġimgħa

Mill-10:00 sas-14:00 is-Sibt

Magħluq il-Ħdud u fil-Btajjel tal-Banek

2. The Scottish Human Rights Commission (il-Kummissjoni Skoċċiża tad-Drittijiet tal-Bniedem)

Is-Scottish Human Rights Commission hija l-istituzzjoni nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, skont il-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti relatati mal-*status* tal-istituzzjonijiet nazzjonali u bl-ogħla livell ta' akkreditazzjoni ("*status A*"). L-SHRC (Scottish Human Rights Commission, il-Kummissjoni Skoċċiża għad-Drittijiet tal-Bniedem) hi korp indipendenti stabbilit mill-Parlament Skoċċiż għall-promozzjoni tal-għarfien, il-fehim u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kollha - ekonomiċi, soċjali, kulturali, ċivili u politiċi - għal kulħadd kullimkien fl-Iskozja, u għat-tneġġig tal-aħjar prattika f'relazzjoni mad-drittijiet tal-bniedem. Hi tista' tirrapporta direttament lin-NU dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. L-obbligi u s-setgħat kollha tal-Kummissjoni huma riprodotti fil-Kummissjoni Skoċċiża għall-Att tal-2006 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-SHRC għandha s-setgħat li:

tirakkomanda bidliet fil-liġi, il-politika u l-prattika

tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem permezz tal-edukazzjoni, taħriġ u riċerka ta' pubblikazzjoni

tmexxi inkjesti dwar il-politiki u l-prattiki tal-awtoritajiet pubbliċi Skoċċiżi

L-SHRC ma tiġiex ħsieb ilmenti jew tipprovdi servizz ta' għajjnuna lil individwi. Madankollu, il-fuljett tagħha *Help with Human Rights (Għajjnuna bid-Drittijiet tal-Bniedem)* jagħti dettalji dwar organizzazzjonijiet u servizzi li jistgħu jkunu kapaċi li jipprovdu parir u assistenza.

Dettalji ta' kuntatt:

Scottish Human Rights Commission

Governor's House

Regent Road

Edinburgh

EH1 3DE

Telefown: 0131 244 3550

Posta elettronika: hello@scottishhumanrights.com

Sit elettroniku: Scottish Human Rights Commission

Ombudspersons

1. Scottish Public Services Ombudsman (L-Ombudsman Skoċċiż għas-Servizzi Pubbliċi)

L-Ombudsman Skoċċiż għas-Servizzi Pubbliċi jipprovdi servizz mingħajr flus, indipendenti u imparzjali b'rabta ma' tilwim bejn ċittadini u kemm il-gvern lokali u ċentrali, bil-għan li jgħin fir-riżoluzzjoni ta' tilwim jew għall-irranġar ta' sitwazzjonijiet mhux ġusti. Huwa l-aħħar stadju għall-ġestjoni ta' lmenti dwar korpi pubbliċi fl-Iskozja (Kunsilli, is-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali, assoċjazzjonijiet ta' akkomodazzjoni, kulleġġi u universitajiet, ħabsijiet, il-biċċa l-kbira tal-fornituri tal-ilma, il-Gvern Skoċċiż u l-aġenziji u d-dipartimenti tiegħu u l-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet Skoċċiżi.)

Dettalji ta' kuntatt:

Telefown bla flus: 0800 377 7330

Telefown: 0131 225 5330

Indirizz tal-Posta: Freepost SPSO (l-ebda bżonn ta' bolla)

Personalment: 4 Melville Street, Edinburgh, EH3 7NS (ħinijiet tal-ftuħ nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa, 9am-5pm, it-Tlieta 10am-5pm)

Sit elettroniku: SPSO

2. Parliamentary and Health Service Ombudsman (L-Ombudsman Parlamentari u tas-Servizz tas-Saħħa)

Il-Parliamentary and Health Service Ombudsman huwa l-istadju finali għal lmenti dwar l-NHS fl-Ingilterra u s-servizzi pubbliċi mogħtija mill-Gvern tar-Renju Unit. Huwa jipprovdi servizz bla flus u jinvestiga l-ilmenti fejn xi ħadd li jemmen li kien hemm inġustizzja jew diffikultajiet għaliex organizzazzjoni ma tkunx aġixxiet sew jew ġustament jew tkun tat servizz ħażin u ma kkoreġix is-sitwazzjoni.

L-Ombudsman mhuwiex parti mill-gvern. Huwa ġie mwaqqaf mill-Parlament biex jipprovdi servizz indipendenti għat-trattament tal-ilmenti. Huwa jikkondividi r-riżultati mix-xogħol dwar il-każ mal-Parlament biex jgħinu jiffi l-fornituri tas-servizzi pubbliċi, u jikkondividi s-sejbiet b'mod aktar wiesa' ma' oħrajn biex tingħata spinta lit-titjib fis-servizzi pubbliċi. L-Ombudsman irid jagħti kont lill-Parlament tar-Renju Unit u l-ħidma tiegħu hija suġġetta għall-iskrutinju tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Amministrazzjoni Pubblika.

Qabel ma tippreżenta lment lill-Ombudsman, l-ewwel trid tilmenta mal-organizzazzjoni li m'intix kuntent biha. Jekk l-ilment tiegħek ikun dwar dipartiment tal-Gvern tar-Renju Unit jew organizzazzjoni pubblika tar-Renju Unit, trid tikkuntattja membru parlamentari biex jirreferi l-kwiżjoni lill-Ombudsman.

Sit elettroniku: Ombudsman

Dettalji ta' Kuntatt:

Telefown: 0345 015 4033 (mit-08:30 sal-17:30, mit-Tnejn sal-Ġimgħa)

Servizz ta' messaġġ "ċempel lura": 07624 813 005

Jekk tuża BSL tista' tuża s-servizz SignVideo: SignVideo

Korpi Speċjalizzati tad-Drittijiet tal-Bniedem

1. Children and Young People's Commissioner Scotland (Il-Kummissarju tat-Tfal u ż-Żgħażaġ tal-Iskozja)

Il-Children and Young People's Commissioner Scotland iqajjem l-għarfien u l-fehim tad-drittijiet tat-tfal u jgħin lit-tfal jasserixxu d-drittijiet tagħhom. Il-Kummissarju għandu s-setgħat li jwettaq investigazzjonijiet fir-rigward ta' jekk il-fornituri tas-servizz jikkunsidrawx id-drittijiet, l-interessi u l-opinjoni ta' gruppi tat-tfal u ż-żgħażaġ f'teħid ta' deċiżjonijiet jew azzjonijiet li jikkonċernawhom.

Dettalji ta' Kuntatt

Children and Young People's Commissioner Scotland (Il-Kummissarju tat-Tfal u ż-Żgħażaġ tal-Iskozja)

Roseberry House

9 Haymarket Terrace

Edinburgh

EH12 5EZ

Telefown: 0131 346 5350

Telefown bla flus għaż-żgħażaġ: 0800 019 1179

Messaġġ: 0770 233 5720

Posta elettronika: inbox@cypcs.org.uk

Sit elettroniku: CYPCS

2. The Scottish Information Commissioner (Il-Kummissarju Skoċċiż għall-Infommazzjoni)

L-Scottish Information Commissioner jipromwovi u jinforza kemm id-dritt tal-pubbliku li jistaqsi għall-infommazzjoni miżmuma minn awtoritajiet pubbliċi Skoċċiżi, u għal prattika tajba mill-awtoritajiet. Permezz tal-ħidma tagħha, il-Kummissarju jappoġġa l-ftuħ, it-trasparenza u r-responsabbiltà ta' korpi pubbliċi.

Il-Kummissarju huwa responsabbli għall-infurzar u l-promozzjoni tal-liġijiet tal-Iskozja dwar il-libertà tal-infommazzjoni, jiġifieri:

The Freedom of Information (Scotland) Act 2002 (L-Att tal-Libertà ta' Infommazzjoni (l-Iskozja) tal-2002)

The Environmental Information (Scotland) Regulations 2004 (Ir-Regolament tal-Infommazzjoni Ambjentali (l-Iskozja) tal-2004)

The INSPIRE (Scotland) Regulations 2009 (Ir-Regolamenti INSPIRE (l-Iskozja) tal-2009)

Il-Kummissarju u t-tim tal-Kummissarju:

jinvestigaw l-applikazzjonijiet u joħorġu deċiżjonijiet eżekutorji

jippromwovu prattika tajba fost l-awtoritajiet pubbliċi
jipprovdu informazzjoni lill-pubbliku dwar id-drittijiet tagħhom
Dettalji ta' Kuntatt
Scottish Information Commissioner
Kinburn Castle
Doubledykes Road
St Andrews
Fife
KY16 9DS
Telefown: 01334 464610
Faks: 01334 464611

Indirizz elettroniku: enquiries@itspublicknowledge.info

Sit elettroniku: [Scottish Information Commissioner](#)

3. Information Commissioner's Office (L-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Infommazzjoni)

L-Information Commissioner's Office huwa l-awtorità indipendenti tar-Renju Unit stabbilita biex tħares id-drittijiet tal-infommazzjoni fl-interess pubbliku, tippromwovi t-trasparenza fl-entitajiet pubbliċi u l-privatezza tad-dejta għall-individwi

Dettalji ta' kuntatt:

Information Commissioner's Office

Wycliffe House

Water Lane

Wilmslow

Cheshire

SK9 5AF

Telefown: 0303 123 1113 (jew 01625 545745 jekk tippreferi ma ċċempilx numru biż-“03”)

Faks: 01625 524 510

The Information Commissioner's Office Scotland

45 Melville Street

Edinburgh

EH3 7HL

Telefown: 0131 244 9001

Posta elettronika: Scotland@ico.org.uk

Sit elettroniku: [Information Commissioner's Office](#)

Organizzazzjonijiet oħra

1. Citizens Advice Service (Is-Servizz ta' Pariri liċ-Ċittadini)

Is-Citizens Advice Service jgħin lin-nies isolvu l-problemi legali u finanzjarji u problemi oħrajn billi jipprovdi pariri indipendenti, kunfidenzjali u b'xejn, u billi jinfluwenza lil min ifassal il-politika.

Dettalji ta' kuntatt

Linja telefonika diretta tal-pariri għaċ-ċittadini: 0808 800 9060 (mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-09:00 sas-18:00)

Sit elettroniku: [Pariri liċ-Ċittadini](#)

Biex tagħmel kuntatt mas-Citizens Advice Service, ikklikkja fuq http://citizensadvice.org.uk/index/contact_us.htm,

2. Victim Support Scotland (L-Appoġġ għall-Vittmi fl-Iskozja)

Il-Victim Support Scotland hija organizzazzjoni volontarja fl-Iskozja li tgħin lin-nies affettwati minn reati. Tipprovdi appoġġ emozzjonali, għajnuna prattika u informazzjoni essenzjali għal vittmi, xhieda u oħrajn affettwati minn reati. Is-servizz huwa mingħajr ħlas, kunfidenzjali u huwa pprovdut minn volontiera permezz ta' netwerk ta' Komunità bbażat fuq servizzi ta' ġustizzja għal vittmi u zgħażaġh u servizzi ta' xhieda bbażati fuq il-qorti.

Is-sit web tal-Victim Support Scotland jipprovdi aktar informazzjoni, inkluż kif tagħmel kuntatt:

Victim Support Scotland

Għajnuna fuq it-telefown: 0345 603 9213 (mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mit-8am sat-8pm)

The Victims' Code for Scotland (Il-Kodiċi tal-Vittmi għall-Iskozja)

Il-Victims' Code for Scotland twaqqaf b'mod ċar u f'punt wieħed id-drittijiet u l-appoġġ disponibbli għal vittmi ta' reat fl-Iskozja.

3. The Office of the Immigration Services Commissioner (L-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Servizzi tal-Immigrazzjoni)

L-Office of the Immigration Services Commissioner (OISC) huwa korp pubbliku indipendenti u mhux dipartimentali stabbilit mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil tal-1999.

Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-OISC huma:

ir-regolamentazzjoni tal-konsulenti dwar l-immigrazzjoni

il-promozzjoni ta' prassi tajba billi jiġu stabbiliti standards

l-ilqugħ u l-indirizzar tal-ilmenti dwar kull persuna li tagħti pariri dwar l-immigrazzjoni

il-prosekuzzjoni ta' dawk li ma jkunux operaw skont il-liġi

is-sorveljanza tar-regolament ta' dawk li jagħtu pariri dwar l-immigrazzjoni u li jkunu regolati minn waħda mill-Entitajiet Professionali Nominati

L-OISC la jipprovdi pariri dwar l-immigrazzjoni u lanqas ma jirrakkomanda jew jendorsja konsulent speċifiku.

L-OISC jaħdem ma' firxa wiesgħa ta' għaqdiet, inklużi assoċjazzjonijiet professjonali, tribunali, l-Aġenzija tal-Fruntieri tar-Renju Unit u korpi volontarji.

Għal aktar informazzjoni żur: [Office of the Immigration Services Commissioner](#)

Dettalji ta' kuntatt:

Office of the Immigration Services Commissioner

5th Floor

21 Bloomsbury Street

London

WC1B 3HF

Telefown: 0845 000 0046

Posta elettronika: info@oisc.gov.uk

4. The Scottish Legal Aid Board (SLAB) (Il-Bord Skoċċiż dwar l-Għajnuna Legali (SLAB))

L-għan tal-għajnuna legali fl-Iskozja huwa li jipprovdi aċċess għall-ġustizzja għal dawk li ma jistgħux iħallsu l-ispejjeż legali tagħhom stess. L-iScottish Legal Aid Board (SLAB) jamministra s-sistema tal-għajnuna legali fl-Iskozja fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni.

Biex tapplika għal għajnuna legali jkollok issib avukat li jagħmel xogħol ta' għajnuna legali. Ikollok turi li ma tistax taffordja li tħallas għall-għajnuna legali tiegħek u li l-problema tiegħek hija serja. Jista' jkollok tħallas xi flus lejn l-ispejjeż legali tal-każ tiegħek, jew trodd lura l-ispejjeż aktar tard.

Jista' jagħti l-każ li ma jkollok bżonn tħallas xejn affattu, skont il-pożizzjoni finanzjarja tiegħek u t-tip ta' għajnuna legali li għandek bżonn.

It-tip ta' għajnuna legali li tapplika għaliha jiddependi fuq it-tip ta' għajnuna legali li għandek bżonn. L-avukat tiegħek jista' jtik parir dwar dan.

Pariri u assistenza jstgħu jkunu ta' għajnuna għall-ispejjeż ta' kif tiegħu parir legali minn avukat, bħalma hi l-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-għażliet tiegħek jew għajnuna fin-negozjati u l-burokrazija. Mhux se tkopri l-ispejjeż tal-qorti.

Jekk meħtieġ, l-avukat tiegħek jista' madanakollu jkun jista' jirrappreżentak fil-qorti għal:

kawżi ċivili pereżempju meta jkollok kwistjonijiet ta' akkomodazzjoni, għaddej minn divorzju, ikollok tilwim dwar it-tfal tiegħek jew teħtieġ għajnuna b'dejn tal-abitazzjoni

Smigħ tat-tfal pereżempju meta int zagħżuġh (jew ġenitur tagħhom/persuna li tindokra) mitlub li tmur għal smigħ biex tissolva problema

kawża kriminali pereż. tkun sfajt akkużat b'reat jew tiffaċċja l-ħabs

Għal aktar informazzjoni dwar SLAB, u sabiex tagħmel kuntatt, ara hawn taħt.

The Scottish Legal Aid Board

Thistle House

91 Haymarket Terrace

Edinburgh,

EH12 5HE

Telefown: 0131 226 7061 (mit-8:30am sal-17:00pm, mit-Tnejn sal-Ġimgħa)

British Sign Language: [contact Scotland-BSL](#), is-servizz tal-interpretar onlajn Skoċċiż.

Posta elettronika: general@slab.org.uk

Sit Web: [Scottish Legal Aid Board](#)

5. Care Inspectorate (L-Ispettorat tal-Kura)

Il-Care Inspectorate jirregola u jispezzjona s-servizzi ta' kura fl-Iskozja u jiżgura li jissodisfaw l-istandards it-tajba. Jikkontrolla b'mod konġunt ma' regolaturi oħra biex jiġi vverifikat kif organizzazzjonijiet differenti f'żoni lokali jaħdmu biex jappoġġaw l-adulti u t-tfal.

Dettalji ta' kuntatt

Telefown: 0345 600 9527

Posta elettronika: enquiries@careinspectorate.com

Sit elettroniku: [Care Inspectorate](#)

6. Mental Welfare Commission Scotland (Il-Kummissjoni tal-Benesseri Mentali fl-Iskozja)

Il-Kummissjoni tiproteġi u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem ta' persuni b'mard mentali, persuni b'diżabbiltajiet fit-tagħlim, id-demenzja u l-kundizzjonijiet relatati. Hi tagħmel hekk billi tagħti s-setgħa lill-individwi u l-persuni li jindukraw tagħhom, il-monitoraġġ tas-saħħa mentali u l-liġi tal-inkapaċità, u l-influenzar u l-għoti ta' sfida lill fornituri tas-servizzi u dawk li jfasslu l-politika.

Telefown għal pariri: 0800 389 6809 (min juża s-servizzi u dawk li jindokraw) jew 0131 313 8777 (professjonisti) (mit-Tnejn sal-Ħamis 09:00-17:00, il-Ġimgħa 09:00-16:30)

Posta elettronika: enquiries@mwscot.org.uk

Sit elettroniku: [Mental Welfare Commission Scotland](#)

Informazzjoni jew assistenza ulterjuri

L-organizzazzjonijiet u l-korpi li ġejjin jistgħu jipprovdu informazzjoni jew assistenza skont il-kompetenzi tagħhom.

Is-sit web tal-Gvern tar-Renju Unit għaċ-ċittadini tar-Renju Unit: [Gov.UK](#)

Għoti ta' parir dwar is-settur tal-abitazzjoni: [Shelter Scotland](#)

ACAS jagħti pariri dwar ix-xogħol: [ACAS](#)

National Debtline jagħti l-pariri dwar id-dejn nazzjonali: [National Debt Line](#)

Il-karità tad-dejn StepChange jagħti pariri dwar id-dejn: [Step Change](#)

Is-Servizz Money Advice jagħti pariri dwar il-flus u kwistjonijiet finanzjarji: [Money Advice Service](#)

The Law Society of Scotland tista' tgħinekk issib avukat, inkluż għal kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem: [Law Society](#)

L-iScottish Child Law Centre jipprovdi pariri legali mingħajr ħlas għal, u dwar it-tfal: [SCLC](#)

Contact għandha informazzjoni, appoġġ u pariri għall-familji ta' tfal b'diżabbiltà: [Ikkuntattja](#)

Patient Advice and Support Service (PASS) fl-Uffiċċju tal-Konsulenza għaċ-ċittadini huwa servizz indipendenti li jipprovdi informazzjoni, pariri u appoġġ lill-pazjenti u lill-persuni li jindokrawhom: [PASS](#)

The Scottish Association for Mental Health (L-Assoċjazzjoni Skoċċiża dwar is-Saħħa Mentali): [SAMH](#)

Care Information Scotland hija linja tat-telefon u servizz ta' sit web li tipprovdi informazzjoni dwar is-servizzi tal-kura għal persuni anzjani li jgħixu fl-Iskozja:

[CIS](#)

SurvivorScotland jissorvelja l-istrateġija nazzjonali għal superstiti ta' abbuż tat-tfal: [SurvivorScotland](#)

Scottish Helpline for Older People (Scottish Helpline għall-Anzjani): [Age UK Scotland](#)

Scottish Women's Aid: [SWA](#)

Scottish Refugee Council (Il-Kunsill Skoċċiż għar-Refuġjati): [SRC](#)

Ethnic Minorities Law Centre (Iċ-Ċentru Legali għall-Minoranzi Etniċi): [EMLC](#)

L-aħħar aġġornament: 17/05/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.